

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-21 ta' Ġunju 2013

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro

(BĊE/2013/16)

(2013/358/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) Minħabba d-dħul tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea u li l-bank ċentrali nazzjonali tagħha (BĊN), Hrvatska narodna banka, jingħaqad fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fl-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2013/17 tal-21 ta' Ġunju 2013 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>(1)</sup> tipprovdi għall-espansjoni tal-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "skema tal-kapital") u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013, l-ippeżar ġdid assenjat lil kull BĊN fl-iskema tal-kapital estiża (minn hawn 'il quddiem l-"ippeżar fl-iskema tal-kapital").
- (2) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro<sup>(2)</sup> jiddefinixxi l-iskema ta' distribuzzjoni ta' karti tal-flus u jirreferi għal Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Jannar 2011. Billi ser japplika ppeżar ġdid fl-

iskema tal-kapital mill-1 ta' Lulju 2013, id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 trid tiġi emendata sabiex tiġi stipulata l-iskema ta' distribuzzjoni ta' karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

**Emenda**

1. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 hija mibdula b' li ġej: "L-Anness ta' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema tad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013."
2. L-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-21 ta' Ġunju 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

<sup>(1)</sup> Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(2)</sup> ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26.

## ANNEX

## SKEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' LULJU 2013

Bank Ċentrali Ewropew	8,0000 %
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,1975 %
Deutsche Bundesbank	24,8130 %
Eesti Pank	0,2355 %
Central Bank of Ireland	1,4695 %
Bank of Greece	2,5770 %
Banco de España	10,916 %
Banque de France	18,6945 %
Banca d'Italia	16,4760 %
Central Bank of Cyprus	0,1765 %
Banque centrale du Luxembourg	0,2300 %
Bank Ċentrali ta' Malta	0,0840 %
De Nederlandsche Bank	5,2460 %
Oesterreichische Nationalbank	2,5620 %
Banco de Portugal	2,3325 %
Banka Slovenije	0,4325 %
Národná banka Slovenska	0,9100 %
Suomen Pankki	1,6475 %
TOTAL	100,0000 %